**208. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

## KIRI TA' BINI MAGĦRUF BĦALA OFFICERS' MARRIED QUARTERS F'ST PATRICKS LILL-HOLIDAY SERVICES COMPANY LIMITED

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jikri lill-Holiday Services Company Limited il-bini magħruf bħala Officers' Married Quarters, St Patricks, deskritt aħjar fl-Abbozz ta' Ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal- Kamra, għaż- żmien bil-kera u taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess Abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu ( ċ ) tas-subartikolu ( 1 ) tal- artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal- Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita " skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-bini magħruf bħala Officers' Married Quarters, St Patricks, jista' jiġi mogħti lill-imsemmija kumpannija, Holiday Service Company Limited, għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl- Abbozz li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

30.07.1979